ASSOĊJAZZJONI
BEJN
L-UNJONI EWROPEA
U L-EĠITTU

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Brussell, 16 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

UE-EG 2803/22
ADD 1

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | ANNESS għar-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-EĠITTU dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu 2021–2027 |

## Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu 2021-2027

## I. Daħla

Dawn il-**Prijoritajiet tas-Sħubija** għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi komuni li qed jiffaċċjaw l-UE u l-Eġittu, li jippromwovu interessi konġunti, li jiggarantixxu l-istabbiltà fit-tul u l-iżvilupp sostenibbli fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran u li jsaħħu l-kooperazzjoni u jwettqu l-potenzjal mhux sfruttat tar-relazzjoni. Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jagħtu attenzjoni partikolari lit-tisħiħ tal-"Viżjoni dwar l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-2030" u tal-Politika ta' Viċinat Ewropea aġġornata ggwidata mill-Aġenda l-ġdida tal-UE għall-Mediterran[1] u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tagħha għall-Viċinat tan-Nofsinhar[2], il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar tas-16 ta' April 2021[3], u biex jittaffa l-impatt soċjoekonomiku negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 inkluż irkupru ekoloġiku, diġitali, reżiljenti u inklużiv. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu jistabbilixxi l-qafas ġenerali għall-kooperazzjoni u l-Prijoritajiet tas-Sħubija. Il-prijoritajiet tas-Sħubija huma ggwidati mill-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli[4], l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u impenn kondiviż għall-valuri universali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, huma jaqblu mal-aspirazzjoni ddikjarata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10-11 ta' Diċembru 2020[5] għal Viċinat tan-Nofsinhar demokratiku, aktar stabbli, aktar ekoloġiku u aktar prosperu bħala prijorità strateġika għall-UE.

## II. Prijoritajiet

Il-Prijoritajiet tas-Sħubija għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-aspirazzjonijiet tan-nies fiż-żewġ naħat tal-Mediterran, partikolarment bl-iżgurar tal-iżvilupp sostenibbli inklużiv, tal-ġustizzja soċjali, opportunitajiet tax-xogħol deċenti, il-prosperità ekonomika u ta' kundizzjonijiet tal-għajxien imtejbin sostanzjalment. L-aspetti ewlenin ta' dawn l-għanijiet huma t-tkabbir inklużiv, sostnut mill-innovazzjoni, il-governanza effettiva u parteċipattiva, irregolata mill-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inklużi d-drittijiet soċjali u tax-xogħol, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa bil-ħsieb li tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi, u d-drittijiet tat-tfal. Il-prijoritajiet jieħdu kont ukoll tar-rwoli tal-UE u tal-Eġittu bħala atturi internazzjonali u għandhom l-għan li jżidu l-

1 JOIN(2021) 2 finali
2 SWD(2021) 23 finali
3 https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/news/new-agenda-mediterranean-council-approves-conclusions-renewed-partnership-southern-neighbourhood-2021-04-19_mt
4 Ir-Riżoluzzjoni tan-NU 70/1 'Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli'
5 https://www.consilium.europa.eu/media/47296/1011-12-20-euco-conclusions-en.pdf

kooperazzjoni bilaterali u l-kooperazzjoni reġjonali u interreġjonali tagħhom. Konnettività aħjar bejn l-UE u l-Eġittu, b'attenzjoni partikolari għall-mobbiltà intelliġenti, il-mobbiltà awtomatizzata u elettronika, id-diġitalizzazzjoni u l-ekonomija ekoloġika, ser ikunu għodod importanti li joffru opportunitajiet ġodda ta' kooperazzjoni f'dan il-kuntest. L-implimentazzjoni tal-inizjattivi ewlenin tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tal-Aġenda l-Ġdida għall-Mediterran, inkluż permezz ta' inizjattivi ta' Tim Ewropa, ser tikkontribwixxi għat-twettiq tal-Prijoritajiet tas-Sħubija. Dawn jikkostitwixxu parti importanti mill-kooperazzjoni tal-UE mal-Eġittu u jgħinu biex jipproteġu l-interessi u l-oġġetti komuni tagħna fil-Mediterran.

Il-pandemija tal-COVID-19 sfidat is-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa u kellha impatt profond fuq l-ekonomija u s-soċjetà. L-UE u l-Eġittu ser jikkooperaw mill-qrib dwar l-irkupru soċjoekonomiku fit-tul, u l-iżvilupp sostenibbli. Iż-żewġ partijiet għandhom l-għan li jimmassimizzaw il-benefiċċji għall-irkupru tal-ekonomiji wara l-COVID-19 u jtaffu r-riperkussjonijiet potenzjali.

Għaldaqstant, il-prijoritajiet kardinali li ġejjin ser jiggwidaw is-sħubija:

**1. L-Ekonomija Moderna Sostenibbli u l-Iżvilupp Soċjali tal-Eġittu**

L-UE u l-Eġittu, bħala sħab ewlenin ser jikkooperaw biex javvanzaw l-għanijiet soċjoekonomiċi stabbiliti fl-"Istrateġija tal-Eġittu għal Żvilupp Sostenibbli – Viżjoni 2030" bl-għan li jinbena Eġittu stabbli u prosperu.

a) **It-tisħiħ tar-reżiljenza, il-bini tal-prosperità u l-appoġġ għat-trasformazzjoni lejn ekonomija diġitali u ekoloġika**

L-Eġittu huwa impenjat li jikseb sostenibbiltà soċjoekonomika fit-tul permezz, fost l-oħrajn, tal-ħolqien ta' ambjent li jwassal iktar għat-tkabbir **inklużiv u l-ħolqien ta' xogħol diċenti u produttiv**, partikolarment għaż-żgħażagħ u n-nisa, inkluż billi titħeġġeġ l-integrazzjoni-tas-settur informali fl-ekonomija. Għas-sostenibbiltà ekonomika fit-tul, din ser tinkludi miżuri li jistgħu jiġġeneraw spazju fiskali ikbar għal implimentazzjoni aħjar tal-istrateġija għal żvilupp sostenibbli, ir-riforma ulterjuri tas-sussidji u t-tassazzjoni, it-tisħiħ tar-rwol **tas-settur privat** u **t-titjib tal-klima kummerċjali** biex jiġi attirat iktar investiment barrani, inkluż permezz ta' politika kummerċjali iktar miftuħa u kompetittiva, biex jitgawdew bis-sħiħ il-benefiċċji tad-dividend diġitali u permezz ta' appoġġ għal proġetti infrastrutturali ewlenin bħall-iżvilupp ta' sistema tat-trasport effiċjenti. Minħabba l-importanza tal-iżvilupp tal-SMEs għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, dan is-settur ser ikompli jkollu rwol ċentrali fil-kooperazzjoni tal-UE mal-Eġittu. Barra minn hekk, l-UE

ser tappoġġa l-isforzi tal-Eġittu favur **riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-governanza tajba**, inkluż permezz tal-użu ta' statistika ta' kwalità għolja u billi jittieħed kont tar-revoluzzjoni diġitali u l-mudelli relatati tan-negozju u tas-soċjetà.

L-UE ser tkompli taqdi rwol importanti fl-appoġġ tal-ambjent tan-negozju u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli inkluż permezz ta' inizjattivi ewlenin konkreti f'setturi prijoritarji, bħal: l-iżvilupp ta' mezzi ta' trasport sostenibbli, infrastruttura tat-trasport pubbliku u l-korroborazzjoni tat-tranżizzjoni tal-Eġittu lejn il-mobbiltà elettrika. F'konformità mat-twettiq min-naħa tal-Eġittu tal-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli 2030 tiegħu, l-UE ser testendi l-appoġġ tagħha għat-tranżizzjoni tal-Eġittu lejn ekonomija ekoloġika, inkluż l-iżvilupp sostenibbli tas-setturi agrikoli u tal-ilma. F'dak il-kuntest, l-UE ser tappoġġa wkoll it-tisħiħ tal-infrastruttura diġitali u b'mod partikolari l-aċċess universali għal networks imtejba, affordabbli u siguri kif ukoll is-sensibilizzazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u għarfien dwar it-theddid taċ-ċibersigurtà.

Filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-progress tas-soċjetajiet tagħhom, l-UE u l-Eġittu ser jikkooperaw aktar fis-setturi kollha fir-riċerka u l-innovazzjoni u fl-avvanz tat-teknoloġiji diġitali, inkluż l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà filwaqt li jipproteġu d-dritt għall-privatezza. F'dan il-kuntest, l-Eġittu u l-UE enfasizzaw l-interess tagħhom li jintensifikaw il-kooperazzjoni f'għadd ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka u edukazzjoni għolja, inkluż fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, Erasmus +, PRIMA u l-Pjattaforma Reġjonali tal-Unjoni għall-Mediterran għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Minħabba l-patrimonju imprezzabbli u divers tal-Eġittu, u l-kontribuzzjoni sinifikanti tas-settur kulturali u tat-turiżmu għall-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż, il-Prodott Domestiku Gross (PDG), l-impjiegi, ir-riżervi tal-kambju tal-Eġittu u tas-soċjetà tiegħu b'mod iktar wiesa', ser titqiegħed enfasi partikolari fuq **ir-rabta bejn il-kultura, il-patrimonju kulturali u l-iżvilupp ekonomiku.** L-UE u l-Eġittu ser jikkooperaw, fost l-oħrajn, dwar l-identifikazzjoni ta' modi kif jiġi protett u ppreservat il-wirt kulturali, kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli, u jipproponu azzjonijiet ta' kooperazzjoni konġunti rilevanti f'dan il-qasam. Sabiex jiġi indirizzat l-impatt negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 fis-settur tat-turiżmu fl-Eġittu, l-UE u l-Eġittu ser jaħdmu flimkien biex itejbu l-opportunitajiet f'dan il-qasam.

**b) Kummerċ u investiment**

L-UE u l-Eġittu huma **sħab kummerċjali** importanti. Iż-żewġ naħat ser jidentifikaw b'mod konġunt approċċi xierqa biex itejbu r-relazzjonijiet bilaterali dwar il-kummerċ u l-investiment, itejbu l-kompetittività u jiżguraw l-aċċessibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi għas-swieq rispettivi skont ir-

regolamenti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Eġittu u l-integrazzjoni ulterjuri tal-Eġittu fil-ktajjen tal-valur reġjonali u globali.

L-UE u l-Eġittu ser jaħdmu mill-qrib biex jipprovdu proposti prattiċi kondiviżi sabiex jgħinu lill-Eġittu jżid il-kompetittività u t-trasparenza tas-suq tiegħu, i**saħħaħ ir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment eżistenti**, u jiżgura li d-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-kompetizzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu jiġu rispettati bis-sħiħ, u l-Ftehim jiġi implimentat b'mod li jippermettilu jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu. Biex tipproteġi aħjar is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, l-UE ser tappoġġa t-trasformazzjoni ta' sistemi tal-ikel sostenibbli, kif ukoll l-iżvilupp ta' oqfsa effettivi għas-sikurezza tal-konsumatur, filwaqt li tqis ir-regolamenti tad-WTO, l-istandards sanitarji u fitosanitarji maqbula internazzjonalment u r-regoli u l-prinċipji rilevanti tal-UE. Iż-żewġ naħat ser jaħdmu mill-qrib biex jattiraw u jtejbu l-investimenti Ewropej, b'mod partikolari billi jippermettu ambjent favorevoli għall-investiment u jikkunsidraw opportunitajiet bħalma huma ż-Żona Ekonomika tal-Kanal ta' Suez, politika kummerċjali aktar miftuħa u sostenibbli u t-titjib tal-qafas regolatorju.

L-UE ser tappoġġa l-politiki tal-Eġittu fil-promozzjoni tal-kummerċ elettroniku, il-kummerċ diġitali, ir-regolamentazzjoni tal-kompetizzjoni u fit-tisħiħ tal-potenzjal ta' investiment tiegħu billi ttejjeb il-klima tan-negozju u l-iżvilupp tal-Istrateġija Eġizzjana tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) Eġizzjana.

**c) Żvilupp soċjali u ġustizzja soċjali**

L-UE tappoġġa l-isforz tal-Eġittu biex jippromwovi u jirriforma l-iżvilupp soċjali u l-ġustizzja soċjali, u djalogu soċjali sinifikanti u inklużiv, u biex jindirizza l-isfidi soċjali u demografiċi marbuta mat-tkabbir rapidu tal-popolazzjoni, inkluż l-iskarsezza tal-ilma u l-vulnerabbiltà tas-sigurtà tal-ikel. Dan jinkludi t-tisħiħ tar-riżorsi umani tal-pajjiż, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, in-nisa u t-tfal. L-UE ser tappoġġa l-isforzi tal-Eġittu biex irawwem il-**protezzjoni** ekonomika u soċjali **ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli** fl-Eġittu, b'mod partikolari dawk esposti għal impatti negattivi potenzjali tar-riformi ekonomiċi u l-konsegwenzi ta' xokkijiet esterni bħall-pandemija tal-COVID-19 permezz ta' **xbieki ta' sikurezza soċjali komprensivi u programmi ta' protezzjoni soċjali mmirati allinjati mal-miri tal-inizjattiva Ħajja Deċenti (Haya Karima) u l-programmi Takaful u Karama**. Ser tingħata attenzjoni speċjali lill-promozzjoni tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u r-rwol tan-nisa u l-bniet fis-soċjetà u l-ekonomija kif rifless fl-Istrateġija Nazzjonali għat-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa 2030. Barra minn hekk, l-UE u l-Eġittu ser ikomplu jippromwovu **żvilupp soċjo-ekonomiku rurali u urban** inklussiv, kif ukoll itejbu t-twassil ta' servizzi bażiċi, jappoġġjaw **edukazzjoni** moderna ta' kwalità, anke b'ħarsa lejn l-iżgurar tal-konnessjoni mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-ħiliet diġitali u l-litteranza tal-poplu, it-taħriġ tekniku u vokazzjonali kif ukoll is-**sistemi tal-kura tas-saħħa**.

L-UE u l-Eġittu ser jikkooperaw fis-settur tas-saħħa bil-ħsieb li titnaqqas il-pressjoni li l-COVID-19 qed tpoġġi fuq is-servizzi tas-saħħa u fuq il-vaċċini, ukoll bil-ħsieb li jappoġġaw l-ambizzjonijiet tal-Eġittu li jsir ċentru reġjonali għall-produzzjoni u l-esportazzjoni lejn l-Afrika u l-Lvant Nofsani. L-UE ser taqsam l-esperjenza tagħha fl-istabbiliment ta' kopertura tal-kura tas-saħħa inklussiva u servizzi ta' kura tas-saħħa mtejbin.

**d) Enerġija, ambjent u azzjoni klimatika**

L-UE u l-Eġittu ser jikkooperaw fid-**diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija u t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi**, b'enfasi partikolari fuq **sorsi ta' enerġija rinnovabbli**, azzjonijiet ta' **effiċjenza fl-enerġija**, u bidla gradwali lejn modi ta' trasport b'livell baxx ta'' karbonju u sostenibbli fuq l-art u fit-tbaħħir marittimu u l-avjazzjoni ċivili. L-UE, fuq talba tal-gvern Eġizzjan, ser tappoġġa l-isforzi tal-Eġittu biex jaġġorna l-istrateġija integrata tal-enerġija tiegħu li għandha l-għan li tilħaq il-ħtiġijiet tal-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiż u li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. **It-tisħiħ tad-djalogu dwar l-enerġija u l-klima** bejn l-UE u l-Eġittu ser jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' oqsma ewlenin ta' kooperazzjoni. Dan jista' jinkludi l-appoġġ għall-isforzi tal-Eġittu biex isir ċentru tal-enerġija fir-reġjun b'enfasi fuq l-enerġija rinnovabbli, il-kooperazzjoni kontinwa fil-qafas tal-Forum tal-Gass tal-Lvant tal-Mediterran, u l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-enerġija ta' benefiċċju reċiproku, inklużi proġetti ta' interkonnessjoni bejn l-Eġittu u l-UE.

L-UE u l-Eġittu ser jaħdmu wkoll flimkien fuq ir-riċerka konġunta, il-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-aħjar prattika, it-trasferimenti tat-teknoloġija u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni subreġjonali (intra-Mediterranja), b'kunsiderazzjoni xierqa għall-preservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar tal-Mediterran.

L-UE u l-Eġittu ser isaħħu l-kooperazzjoni biex jippromwovu l-kunċett tal-ekoturiżmu, inkluż il-protezzjoni tal-bijodiversità fl-Eġittu, u fil-Baħar Mediterran, b'mod partikolari fil-ġestjoni tar-riżervi naturali u r-restawr tar-riżorsi naturali degradati.

L-UE u l-Eġittu ser jikkooperaw fil-promozzjoni ta' **azzjoni dwar il-klima** u l-**ambjent biex jinkiseb żvilupp sostenibbli** f'konformità mal-impenji tagħhom skont l-UNFCCC, il-Ftehim ta' Pariġi u d-deċiżjonijiet dwar il-Klima ta' Glasgow. L-UE ser tappoġġa l-implimentazzjoni tal-**Kontributi Determinati fil-Livell Nazzjonali** tal-Eġittu fl-oqsma tal-mitigazzjoni u l-adattament inkluż permezz tal-finanzjament għall-klima. Barra minn hekk, l-UE u l-Eġittu ser jikkooperaw biex jiksbu l-għanijiet identifikati, fost l-oħrajn, fl-Aġenda 2030 tal-Iżvilupp u l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri.

L-UE ser tappoġġa l-isforzi tal-Eġittu fit-trawwim tat-tranżizzjoni ekoloġika tiegħu, il-ħolqien ta' tkabbir u impjiegi ekoloġiċi, l-ottimizzazzjoni tal-potenzjal u l-użu tas-sorsi tal-enerġija tiegħu, id-

diversifikazzjoni ulterjuri tat-taħlita tal-enerġija tiegħu permezz tal-enerġija rinnovabbli, u l-effiċjenza enerġetika, it-tisħiħ tal-governanza u l-istabbiliment ta' perkorsi ta' żvilupp favur l-ambjent.

L-UE ser tappoġġa lill-Eġittu fil-promozzjoni ta' finanzjament sostenibbli, inklużi bonds ekoloġiċi, fl-adozzjoni tal-istandards ta' sostenibbiltà ambjentali fil-portafoll ta' investiment domestiku tiegħu, kif ukoll fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tiegħu li jipproduċi u jesporta enerġija rinnovabbli fil-forma ta' elettriku u idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari.

Fid-dawl tat-theddida kkawżata mill-iskarsezza tal-ilma fil-livelli nazzjonali u reġjonali, l-UE ser tappoġġa lill-Eġittu fil-**ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma** kif ukoll oqsma oħra ta' interess komuni bħall-**konservazzjoni tal-bijodiversità, is-sanità, il-ġestjoni tal-iskart solidu**, inkluż it-tnaqqis ta' sustanzi niġġiesa industrijali, il-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart tal-perikli, u l-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art. L-Eġittu u l-UE qegħdin ukoll jesploraw l-opportunitajiet previsti fl-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) għall-kooperazzjoni dwar il-klima, l-ambjent u l-ekonomija blu.

L-UE u l-Eġittu ser isaħħu l-kooperazzjoni sabiex ikun hemm tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli, inkluża l-ġestjoni sostenibbli tal-agrikoltura, is-sajd, u l-preservazzjoni tal-fatturi ta' produzzjoni naturali biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel.

**2. Sħab fil-Politika Barranija**

**a) L-istabbilizzazzjoni tal-viċinat komuni u lil hinn minnu**

Il-kunflitti mtawla fir-reġjun tal-Mediterran jikkostitwixxu ostaklu ewlieni għall-istabbiltà politika u l-iżvilupp sostenibbli. L-isforzi konġunti mill-UE u l-Eġittu għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà, il-mitigazzjoni tal-konsegwenzi tal-kunflitti u l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tagħhom huma prijoritajiet ewlenin sabiex in-nies jiġu protetti u jkunu jistgħu jirnexxu. Is-sħubija bejn l-UE u l-Eġittu hija importanti għall-istabbiltà u l-prosperità tal-Mediterran, il-Lvant Nofsani u l-Afrika u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Eġittu ser tkompli timmira li tikkontribwixxi għar-riżoluzzjoni tal-konflitti, tibni l-paċi, tapprofondixxi l-integrazzjoni ekonomika reġjonali, u tindirizza l-isfidi politiċi u ekonomiċi f'dawn ir-reġjuni.

Minħabba l-orjentazzjoni strateġika tas-sħubija, l-UE u l-Eġittu huma impenjati li jsaħħu l-kooperazzjoni fil-politika barranija fil-livelli bilaterali, reġjonali u internazzjonali, b'mod partikolari fil-fora tan-NU u multilaterali, inkluża l-Unjoni għall-Mediterran kif ukoll mal-Lega tal-Istati Għarab (LAS) u l-Unjoni Afrikana li l-Eġittu huwa membru tagħha. L-UE u l-Eġittu huma impenjati li

jikkooperaw ukoll fil-qafas ta' laqgħat Ministerjali annwali bejn l-UE u s-Sħab tan-Nofsinhar kif propost fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar - Aġenda Ġdida għall-Mediterran. Il-prijoritajiet jinkludu sforzi mġedda biex jiġu appoġġati l-Iżraeljani u l-Palestinjani biex jilħqu soluzzjoni fil-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani (PPLN) li jibnu fuq ir-rwol ewlieni tal-UE u l-Eġittu f'dan il-kuntest. Fil-Lvant tal-Mediterran, l-Eġittu u l-UE u l-Istati Membri tagħha, fost l-oħrajn, ser itejbu l-kooperazzjoni reġjonali f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS). L-Eġittu u l-UE ser jaħdmu b'mod konġunt fuq l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà, b'mod partikolari dwar il-PPLN, il-Libja u s-Sirja. Barra minn hekk, l-Eġittu jospita ċ-Ċentru tal-Unjoni Afrikana għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp ta' Wara l-Kunflitti u l-kwartieri ġenerali tal-LAS, li miegħu l-UE ser tkompli tapprofondixxi u twessa' l-kooperazzjoni. Barra minn hekk, l-UE u l-Eġittu ser ifittxu kooperazzjoni akbar fl-isfera multilaterali u dwar sfidi reġjonali u internazzjonali ewlenin li jaffettwaw iż-żewġ naħat inkluża l-azzjoni klimatika.

Fid-dawl tar-rwol ewlieni tal-Eġittu fl-iżvilupp globali u l-ambizzjonijiet ulterjuri tiegħu fih, wieħed mill-għanijiet tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Eġittu ser ikun li titwessa' s-sħubija bejn l-UE u l-Eġittu fir-reġjun usa', inkluż fl-Afrika, f'oqsma ta' interess reċiproku u permezz ta' inizjattivi bħall-Forum Aswan għall-Paċi u l-Iżvilupp Sostenibbli. L-ilħuq ta' ftehim internazzjonali malajr kemm jista' jkun f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji u l-liġi internazzjonali tal-2015 dwar il-kwistjoni tad-Dam Etjopjana huwa prijorità ewlenija għall-UE u l-Eġittu sabiex tiġi protetta s-sigurtà tal-ilma tal-Eġittu, jiġu promossi l-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun usa'. Ftehim internazzjonali bbażat fuq arranġament negozjat ser jikkontribwixxi biex din it-tilwima tinbidel f'opportunità biex jiġu attirati investimenti barranin u tiżdied l-istabbiltà għall-pajjiżi tar-reġjun u miljuni ta' nies. L-UE tinsab lesta li tappoġġa l-proċess immexxi mill-Unjoni Afrikana f'kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali, inkluża l-UE, u li jkollha rwol aktar attiv, jekk ikun utli u mixtieq għall-partijiet kollha, billi tippreżenta l-esperjenza tagħha fil-ġestjoni tar-riżorsi kondiviżi tal-ilma skont id-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-UE u l-Eġittu jappoġġaw proposti għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni interreġjonali, inkluża kooperazzjoni trilaterali fl-Afrika.

**b) Kooperazzjoni fil-ġestjoni tal-kriżijiet u r-rispons għalihom**

L-UE u l-Eġittu ser iżidu l-kooperazzjoni u l-konsultazzjonijiet u l-iskambju ta' esperjenza fil-ġestjoni u l-prevenzjoni tal-kriżijiet, kemm bilateralment kif ukoll reġjonalment, inkluż permezz taċ-Ċentru Internazzjonali għall-Kajr għar-Riżoluzzjoni tal-Kunflitti, iż-Żamma tal-Paċi u l-Konsolidazzjoni tal-Paċi (CCCPA), biex jindirizzaw l-isfidi kumplessi għall-paċi, l-istabbiltà u l-iżvilupp li jirriżultaw mill-kunflitt, it-tibdil fil-klima, id-diżastri naturali u l-epidemiji, inkluż permezz tal-COVAX, fil-viċinat komuni tagħhom u lil hinn minnu. Il-ħidma fuq ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima ser

tissaħħaħ, inkluż l-investiment f'miżuri preventivi u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar il-protezzjoni ċivili u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri.

**3. It-tisħiħ tal-istabbiltà**

L-UE u l-Eġittu jikkondividu l-objettiv ta' stabbiltà fis-soċjetajiet u r-reġjun usa' tagħhom. Id-drittijiet tal-bniedem, drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali, lavorattivi u kulturali, kif misjuba fid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u l-Kostituzzjoni Eġizzjana, huma essenzjali għall-istabbiltà taż-żewġ partijiet u huma valur komuni u l-ġebla tax-xewka ta' stat demokratiku modern. L-Eġittu u l-UE jtennu l-impenn tagħhom li jkomplu jippromwovu d-demokrazija, il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs bħala drittijiet kostituzzjonali taċ-ċittadini kollha tagħhom, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tagħhom bħala l-bażi għall-istabbiltà u s-sigurtà fit-tul. L-Eġittu ħa passi importanti billi neħħa l-Istat ta' Emerġenza fl-2021 u ħareġ l-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Eġittu (2021-2026). L-istrateġija Nazzjonali, bl-erba' oqsma ta' prijorità tagħha, tafferma mill-ġdid l-objettiv nazzjonali tal-Eġittu li jwettaq id-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali kollha biex jikseb l-istabbiltà, il-progress u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiż. F'dan il-kuntest, l-UE ser tappoġġa lill-Eġittu biex jimplimenta dawn id-drittijiet u l-objettivi.

**a) Governanza tajba u stat modern u demokratiku**

L-Eġittu u l-UE huma impenjati li jiżguraw ir-responsabilizzazzjoni, l-istat tad-dritt, ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u li jirrispondu għad-domandi taċ-ċittadini tagħhom. Dawn l-impenji jiggwidaw l-appoġġ ulterjuri tal-UE għall-isforzi tal-Eġittu lejn **it-tisħiħ tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-istat** għal **riforma effettiva tas-settur pubbliku**, li tavvanza l-kapaċità tal-**istituzzjonijiet tal-infurzar tal-liġi fl-iżgurar tas-sigurtà għal kulħadd**. F'konformità mad-dritt internazzjonali u l-aħjar prattiki, l-UE u l-Eġittu ser isaħħu l-kooperazzjoni fl-**immodernizzar tas-settur tal-ġustizzja**, u fil-bini tal-kapaċità, b'mod partikolari fl-applikazzjoni tat-teknoloġija moderna, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-frodi, il-ħasil tal-flus u l-indirizzar tal-irkupru ta' rikavati minn reati. L-UE u l-Eġittu ser jikkunsidraw ukoll l-iżvilupp ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u ċivili u n-negozjar ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-Eġittu u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE. L-UE u l-Eġittu ser jikkooperaw ukoll biex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-protezzjoni tad-data.

Il-kooperazzjoni parlamentari bejn l-UE u l-Eġittu, inkluż permezz ta' skambji strutturati bejn il-kumitati u l-gruppi parlamentari, issaħħaħ il-koordinazzjoni u tippromwovi l-fehim reċiproku. L-UE ser tappoġġa wkoll l-isforzi tal-Eġittu li jagħti s-setgħa lill-awtoritajiet lokali biex jippjanaw u jagħtu

servizzi pubbliċi, kif ukoll biex jiżgura iktar l-ugwaljanza fl-opportunitajiet ekonomiċi, soċjali u politiċi u biex jippromwovi l-integrazzjoni soċjali għal kulħadd.

**b) Is-sigurtà u t-terroriżmu**

**Is-sigurtà** hija għan komuni. **It-terroriżmu** u l-estremiżmu vjolenti li jwassal għat-terroriżmu, huma theddida għan-nisġa soċjali tan-nazzjonijiet fiż-żewġ naħat tal-Mediterran. Huma theddida maġġuri għas-sigurtà u l-benesseri taċ-ċittadini tagħna. Il-ġlieda kontra dan it-theddid tirrappreżenta għan komuni tal-UE u l-Eġittu li jistgħu jikkooperaw permezz ta' approċċ komprensiv. Dan jindirizza l-kawżi ewlenin tat-terroriżmu b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, **sabiex tiġi miġġielda u evitata** b'suċċess **ir-radikalizzazzjoni** u jiġi promoss l-iżvilupp soċjoekonomiku. L-UE u l-Eġittu jaqblu dwar il-ħtieġa li jikkooperaw flimkien biex jappoġġaw id-djalogu bejn ir-reliġjonijiet, sabiex jikkonsolidaw il-prinċipji tal-fraternità tal-bniedem, jimmassimizzaw il-pedamenti komuni ta' kultura ta' paċi filwaqt li jirrifjutaw il-vjolenza fost in-nies, u jippromwovu t-tolleranza reliġjuża u jipproteġu l-libertà ta' reliġjon jew twemmin. L-UE u l-Eġittu jibqgħu impenjati li jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-estremiżmu u kull forma oħra ta' diskriminazzjoni, inkluża l-Iżlamofobija u l-ksenofobija.
L-UE u l-Eġittu ser isaħħu l-kooperazzjoni operazzjonali f'oqsma relatati mas-sigurtà u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż is-sigurtà tal-avjazzjoni u s-sigurtà protettiva kif ukoll il-kapaċità li jipprevjenu u jiġġieldu l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali bħall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, it-traffikar tal-bnedmin inkluż it-traffikar tat-tfal, it-traffikar ta' oġġetti kulturali u r-restituzzjoni ta' proprjetajiet kulturali traffikati illegalment f'konformità mad-dritt internazzjonali, il-kummerċ illeċitu tad-drogi, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus.
Iż-żewġ partijiet jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra l-Kummerċ Illeċitu tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir, inkluż permezz tal-iskambju tal-esperjenzi, it-taħriġ u attivitajiet oħra ta' bini ta' kapaċità.

**c) Il-migrazzjoni u l-mobbiltà**

L-UE u l-Eġittu jissottolinjaw l-importanza li jkomplu jaħdmu flimkien biex jindirizzaw b'mod konġunt b'mod effiċjenti u effettiv l-isfidi tal-migrazzjoni irregolari, kif ukoll l-aspetti l-oħra kollha tal-migrazzjoni u l-mobbiltà, inkluż il-**migrazzjoni legali**, f'konformità mal-kompetenzi tal-UE u tal-Istati Membri, permezz ta' sħubiji komprensivi, imfassla apposta u ta' benefiċċju reċiproku, u fl-ispirtu tad-dikjarazzjoni politika tas-Summit tal-Belt Valletta u l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tal-Belt Valletta, kif ukoll b'kont meħud tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[6].

L-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi tal-gvern Eġizzjan biex isaħħaħ il-qafas tiegħu ta' **governanza**

[6] COM(2020) 609 final

**tal-migrazzjoni u l-ażil** u jimmobilizza l-finanzjament taħt l-istrumenti rilevanti b'mod f'waqtu**.** Filwaqt li tilqa' u tibni fuq ir-riżultati pożittivi tal-Eġittu fit-trattament tal-flussi migratorji irregolari, l-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi tal-Eġittu biex jipprevjeni u jiġġieled kontra l-migrazzjoni irregolari, biex isaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri kif ukoll biex jiġġieled it-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin, inkluż l-identifikazzjoni u l-assistenza lill-vittmi tat-traffikar.

L-UE u l-Eġittu huma impenjati għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-migranti, ta' dawk li jfittxu l-ażil u tar-refuġjati, b'rispett sħiħ tal-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi dwar ir-refuġjati. L-UE ser tfittex li tappoġġa u ssaħħaħ il-kapaċità Eġizzjana li tissalvagwardja dawn id-drittijiet, li tipprovdi protezzjoni, f'konformità mal-istandards internazzjonali, u aċċess għal servizzi bażiċi, bħas-saħħa l-edukazzjoni, inkluż għar-refuġjati, il-migranti u l-persuni li jfittxu l-ażil. L-UE ser tfittex li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-Eġittu dwar ir-risistemazzjoni volontarja. L-UE u l-Eġittu ser irawmu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni dwar l-identifikazzjoni, ir-ritorn, inkluż dwar ir-ritorn volontarju assistit, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti irregolari lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. L-UE u l-Eġittu ser jesploraw oqsma ta' kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-fruntieri.

Dan ser jimxi id f'id mal-kooperazzjoni fl-indirizzar u l-ġlieda kontra l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament sfurzat minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-konflitti u l-instabbiltà, is-sottożvilupp, il-faqar u l-qgħad — kif ukoll il-ħidma biex jiġu eliminati l-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima u n-nixfa. Dan ser ikun ibbażat, fost l-oħrajn, fuq l-iżvilupp ta' opportunitajiet soċjoekonomiċi, speċjalment perspettivi mtejba għaż-żgħażagħ, permezz ta' inizjattivi għall-ħolqien tal-impjiegi fil-kuntest tal-irkupru mill-COVID-19.

Il-**mobbiltà** ordnata, sikura, regolari u responsabbli tal-persuni, inkluż għal skopijiet edukattivi filwaqt li jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ, tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ħiliet u għarfien li min-naħa tagħhom jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-Eġittu. Din tista' twassal biex jinħolqu konnessjonijiet bejn forzi tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati fl-UE u l-Eġittu f'konformità mal-kompetenzi tal-UE u tal-Istati Membri kompetenti.

**III. Il-prinċipji ta' kooperazzjoni**

**Il-promozzjoni tal-fattur uman** u l-kuntatti bejn il-persuni ser isaħħu r-rabtiet, u b'hekk jikkonsolidaw is-sħubija, bejn l-UE u l-Eġittu. Ir-responsabbilizzazzjoni u r-responsabbiltà reċiproċi, lejn in-nies Ewropej u Eġizzjani huma aspett essenzjali tal-Prijoritajiet tas-Sħubija.

Kwistjonijiet ta' interess komuni għandhom ukoll jiġu indirizzati permezz ta' **kooperazzjoni reġjonali u sottoreġjonali (kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar) iktar b'saħħitha.** F'dan ir-

rigward, l-UE u l-Eġittu ser jaħdmu flimkien fil-qafas tal-UgħM u permezz tal-Fondazzjoni Anna Lindh, partikolarment dwar id-djalogu bejn il-kulturi.

L-esperjenza turi li l-kultura tad-djalogu hija għodda siewja biex jiġi żviluppat ir-rispett reċiproku. **L-approfondiment tad-djalogu** dwar kwistjonijiet bħad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp soċjoekonomiku, il-kummerċ, l-investiment u kwistjonijiet reġjonali u internazzjonali ta' interess komuni ser ikun essenzjali. Id-djalogu ser jagħti wkoll il-mezzi biex is-sħubija tiġi sostanzjata u biex naraw il-qagħda tal-fond u l-kisbiet tagħha.

Konformi mal-prijoritajiet tal-gvern Eġizzjan, enfasi fuq **iż-żgħażagħ** – li fuqhom tiddependi l-istabbiltà fit-tul tas-soċjetajiet tagħna – u fuq **in-nisa** hija kwistjoni essenzjali fil-Prijoritajiet tas-Sħubija. Wieħed mill-objettivi ewlenin huwa li dawn jiġu emanċipati u jiġu mgħammra bl-għodod legali u prattiċi biex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol dovut tagħhom fis-soċjetà permezz tas-sehem attiv tagħhom fl-ekonomija u l-governanza ta' pajjiżhom. L-UE u l-Eġittu ser ikomplu jiskambjaw esperjenzi dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-vjolenza fil-konfront tan-nisa u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll fil-promozzjoni tal-inklużjoni u l-għoti ta' opportunitajiet għaż-żgħażagħ.

L-UE u l-Eġittu jaqblu li s-**soċjetà ċivili** hija kontributur importanti u qawwi għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tas-sħubija tagħhom u għall-governanza trasparenti u parteċipatorja, u li tista' tappoġġa l-proċess ta' żvilupp sostenibbli li għaddej bħalissa fl-Eġittu. Huma ser jaħdmu mas-soċjetà ċivili biex jikkontribwixxu b'mod effettiv fil-proċess ta' żvilupp ekonomiku, politiku, u soċjali, f'konformità mal-Kostituzzjoni Eġizzjana u l-leġiżlazzjoni nazzjonali rispettiva.

**IV. Konklużjoni**

Fl-ispirtu ta' sjieda konġunta, l-UE u l-Eġittu ddefinixxew b'mod konġunt dawn il-Prijoritajiet tas-Sħubija. F'korrelazzjoni mar-rieżami tal-Aġenda għall-Mediterran u tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill, fl-2024 huwa previst rieżami ta' nofs it-terminu, biex jiġi evalwat l-impatt tal-Prijoritajiet tas-Sħubija u, fejn meħtieġ, biex jiġu adattati. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ser jibqgħu l-korpi ewlenin li ser iwettqu l-valutazzjoni kumplessiva tal-implimentazzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija fuq bażi annwali.